



---

*Kumitat għall-Baġits*

---

**2024/0090(BUD)**

18.4.2024

# **EMENDI**

## **1 - 3**

**Abbozz ta' rapport**  
**Siegfried Mureşan**  
(PE761.019v01-00)

Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 għall-baġit ġenerali tas-sena 2024 li jsaħħaħ l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew wara l-adeżjoni tal-Polonja u l-parteċipazzjoni mistennija tal-Iżvezja ((2024/0090(BUD)))



**Emenda 1**  
**Rasmus Andresen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 1**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

1. Jilqa' b'sodisfazzjon l-adeżjoni tal-Polonja mal-UPPE u l-parteċipazzjoni mistennija tal-Iżvezja, li tiegħu n-numru ta' Stati Membri parteċipanti għal 24; jinnota li, b'dan it-tkabbir, l-UPPE se jkun ukoll f'pożizzjoni li jinvestiga u jwettaq prosekuzzjoni ta' reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni mwettqa f'dawk l-Istati Membri, u b'hekk jipproteġi aħjar l-interessi tal-Unjoni;

*Emenda*

1. Jilqa' b'sodisfazzjon l-adeżjoni tal-Polonja mal-UPPE u l-parteċipazzjoni mistennija tal-Iżvezja, li tiegħu n-numru ta' Stati Membri parteċipanti għal 24; jinnota li, b'dan it-tkabbir, l-UPPE se jkun ukoll f'pożizzjoni li jinvestiga u jwettaq prosekuzzjoni ta' reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni mwettqa f'dawk l-Istati Membri, u b'hekk jipproteġi aħjar ***il-baġit u*** l-interessi tal-Unjoni;

Or. en

**Emenda 2**  
**Victor Negrescu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 3**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

3. Jifhem li l-Kummissjoni mhux se tibqa' ttiprovdi lill-UPPE b'servizzi diġitali fuq il-post tax-xogħol mill-2025; jinnota li l-UPPE talab ripetutamente ir-riżorsi finanzjarji u umani addizzjonali meħtieġa biex jagħmel it-tranżizzjoni lejn indipendenza sħiħa tal-IT u jiżgura s-sigurtà tas-sistema tal-IT tiegħu;

*Emenda*

3. Jifhem li l-Kummissjoni mhux se tibqa' ttiprovdi lill-UPPE b'servizzi diġitali fuq il-post tax-xogħol mill-2025; jinnota li l-UPPE talab ripetutamente ir-riżorsi finanzjarji u umani addizzjonali meħtieġa biex jagħmel it-tranżizzjoni lejn indipendenza sħiħa tal-IT u jiżgura s-sigurtà tas-sistema tal-IT tiegħu; ***jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tkompli ttiprovdi servizzi tal-IT sakemm l-UPPE jirċievi biżżejjed riżorsi addizzjonali biex isir indipendenti mill-IT;***

Or. en

**Emenda 3**  
**Victor Negrescu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 4a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***4a. Jistieden lill-Kummissjoni tirrispetta l-impenn tagħha fl-Ittra Emendatorja 1/2022 (COM(2021) 642 final) u tivvaluta mill-ġdid is-sitwazzjoni tal-persunal tal-UPPE, filwaqt li tħares kemm lejn il-ħtiġijiet operazzjonali kif ukoll dawk amministrattivi u filwaqt li tqis li l-UPPE ma setax jiddependi fuq appoġġ amministrattiv mill-Eurojust, kif kien previst fl-Artikolu 100(4) tar-Regolament (UE) 2017/1939 u li l-qafas finanzjarju tal-UPPE ma ġiex adattat għal din ir-realtà;***

Or. en